KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

## IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 51

**Il-Ġimgħa 20 ta' Jannar 2023**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Kyle Mifsud – Sindku
Marika Sammut Dimech – Viċi Sindku
Dott. Daniel John Attard – Kunsillier
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

## 51.1 Qari tal-Apoloġiji

51.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 51.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 50

51.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħat preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

51.2.2 Il-minuti tas-seduta numru 50 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

## 51.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

51.3.1 Is-Sindku informa li għalkemm kienet saret il-bidla fis-sistema tal-ġbir tal-iskart madwar Malta kollha, u fid-dawl ta' hekk kien inbidel il-kuntrattur prinċipali tagħna, fl-Imtarfa ma kienx jidher li kien hemm problemi kbar, anke għaliex is-servizz baqa' jingħata mill-kuntrattur li kellna. Hawnhekk is-Sindku informa li min-naħa tar-Reġjun se jkun qed jinsisti mal-kuntrattur biex joħloq uffiċċju tal-Customer Care u jħaddem sistema ta' *data track* fuq it-trakkijiet fost oħrajn, skont kif jispeċifika l-kuntratt.

51.3.2 Is-Sindku informa li l-Kunsill kien ġie preżentat bil-konferma tal-fondi tal-LESA, li kienu jammontaw għal €80,000. Sadanittant min-naħa tal-Kunsill kien ordna li jsir il-core testing hekk kif mitlub min-naħa tal-perizja sabiex jiġi determinat jekk hemmx ħsara taħt il-pjazzetta.

51.3.3 Is-Sindku informa li waqt Konferenza Stampa oħra, il-Kunsill kien mgħarraf li kien ingħata b'€20,000 f'fondi sabiex jiġu installati pannelli solari fuq il-bejt tal-Kunsill. Is-Sindku informa li kienet intbagħtet kommunikazzjoni lill-HA għall-għajnuna minħabba l-ħsarat kbar li hemm fuq il-bejt tal-Kunsill. Sadanittant imma ssuġġerixxa li jekk min-naħa tal-HA ma jaqblux li dan ix-xogħol isir, il-Kunsill għandu jagħmel arranġamenti biex jitwaħħlu fuq il-bejt tal-Aġenzija Sapport biex il-flus ma jintilfux. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u għaldaqstant huwa informa li kien se jieħu ħsieb li jkellem lis-CEO dwar din il-possibbiltà.

51.3.4 Is-Sindku informa li x-xogħol mill-ħaddiema tal-Public Works Department fi Triq il-Gladjoli kien tlesta u ż-żona kienet inżebgħet mill-ħaddiema tal-Kunsill. Huwa informa li l-għamara kienet ordnata u qed nistennew li tasal Malta u tiġi installata matul il-ġimgħat li ġejjin.

51.3.5 Is-Sindku informa li kienet għamlet kommunikazzjoni miegħu l-Onor Miriam Dalli dwar il-proġett tal-eks barracks, sabiex possibbilment jiġi inkorporat max-xogħlijiet li se jkunu qed isiru minn Project Green. Huwa qal li kien se jitlob laqgħa mas-CEO fir-rigward ta' dan il-

progett. Is-SE issuġġeriet li possibbilment tinġibed ukoll l-attenzjoni tal-Ministru fir-rigward tal-problema tad-dawl li hemm fiż-żona sabiex jekk jiġi approvat il-proġett tal-urban greening, possibbilment isir ukoll ix-xogħol neċessarju mill-Ministeru tagħha biex titranġa din il-problema li nħolqot mill-kuntrattur ta' IM meta ġew rikostruwiti t-toroq ta' bejn il-barracks.

51.3.6 Is-Sindku informa li bħala Reġjun kien hemm qbil dwar numru ta' proġetti u skemi li se jkunu qed jibbenefikaw minnhom il-Kunsilli matul is-sena 2023.

## 51.4 Servizz Reġjonali dwar il-ġbir ta' skart

51.4.1 Is-SE infurmat li darba fil-ġimgħa kien se jibda jkun hemm ġabra tal-kartun għall-istabbilimenti kummerċjali mid-Dipartiment tal-Cleansing. Min-naħa tagħha kienet għamlet talba lir-Reġjun f'isem il-Kunsill biex ikun hemm ġabra oħra fil-ġimgħa għall-kartun tal-ħwienet imma min-naħa tagħhom infurmaw li huma projbiti milli jagħtu dan is-servizz.

51.4.2 Sadanittant il-GreenMT kienet infurmat li minn issa 'l quddiem, setgħu joffru biss is-servizz għal 10 skips fil-lokalità kollha. Is-SE infurmat li bħalissa l-Kunsill kellu 3 siti (Reġimenti Maltin, wara Binja Tifkiriet Puniċi u Triq il-Ward). Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li fid-dawl li fil-maġġorparti tar-residenti se jkunu qed imorru jarmu l-fliexken tagħhom fil-kaxxa tal-BCRS u għall-kumplament xorta waħda kellhom is-servizz dar dar tal-ġabra tal-borża l-griża, kien hemm qbil li s-SE għandha tinforma lill-GreenMT li l-Kunsill jixtieq li l-Bring In Sites jitneħħew kollha mill-Imtarfa.

## 51.5 Magna tal-BCRS fi Triq l-Imtarfa

51.5.1 Is-SE infurmat li l-magna tal-BCRS kienet bdiet titħaddem.

51.5.2 Hija infurmat ukoll li sal-ġurnata tidher li qed tinżamm nadifa. Kienu qed jittieħdu ritratti kuljum u jidher li l-uniċi boroż li qed ikun hemm huma tal-fliexken mgħaffġa u mneħħija minn ġol-istess magna.

51.5.3 Sadanittant kienet infurmat li talbet lill-BCRS biex ipoġġu *wheelie bin* bħalma kien ġie diskuss u s'issa jidher li qed jintuża u mhux qed ikun mimli.

51.5.4 Is-Sindku staqsa jekk hemmx cameras. Hija infurmat li kienu wegħduha li se jkun hemm imma ma kinitx taf jekk twaħlitx. Kienet se tieħu ħsieb tikkonferma mal-kumpanija dwar dan.

51.5.5 Sadanittant hawnhekk is-Sindku fakkar lill-Kunsill li r-Reġjun kien se jagħti 5 cameras lil kull Kunsill Lokali. Wara diskussjoni kien hemm qbil li dawn għandhom jitwaħħlu kif ġej: Drop Off point ta' Binja Santa Luċija, Drop Off Point ta' Binja Qlejgħa (man-naħa tal-Iskola Primarja), Drop Off Point ta' Triq Sir Leslie Rundle, Drop off Point fi Triq l-Orkidea u 2 fi Ġnien is-Sinjura. Is-SE kellha tieħu ħsieb li meta titneħħa l-Bring In Site ta' Triq il-Ward, tirranġa biex il-camera titmexxa f'wieħed minn dawn is-siti magħżula.

## 51.6 Rapport dwar il-Ġemellaġġi

51.6.1 Is-SE preżentat rapport fejn juri li matul is-sena li għaddiet, 2022, ma saret ebda attività mażżewġ lokalitajiet li l-Kunsill għandu ġemellaġġ magħhom.

## 51.7 Laqgħa tal-Lokalità

51.7.1 Is-SE irrimarkat għall-fini tal-minuti li l-ebda persuna ma kienet attendiet għal-laqgħa tal-lokalità għalkemm il-membri tal-Kunsill, is-SE kif ukoll l-accountant tal-Kunsill kienu preparati biex din tinżamm.

## 51.8 Approvazzjoni tal-*Performance Bonus* tal-Ħaddiema tal-Kunsill

51.8.1 Is-SE preżentat kopja ta' kull *performance appraisal* tal-impjegati tal-Kunsill fejn kollha kienet qed tirrakkomanda li jingħataw il-massimu, jiġifieri 6% tas-salarju. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

51.8.2 Il-Kunsill iddiskuta l-*performance appraisal* tas-SE tal-Kunsill fejn kien hemm qbil li hi wkoll tingħata l-massimu tal-*performance bonus*, jiġifieri 10% tas-salarju.

## 51.9 Approvazzjoni tal-Baġit tal-Kunsill

51.9.1 Is-SE infurmat li hi u l-Accountant tal-Kunsill kienu ltaqgħu u ddiskutew flimkien sabiex sar l-abbozz tal-baġit bħal kull sena.

51.9.2 Għaldaqstant qabel ma ġie diskuss il-baġit sar kollegament mal-Accountant tal-Kunsill fejn ingħatat spjega tar-rakkomandazzjonijiet li kienu saru.

51.9.3 Fost oħrajn, kien hemm aċċenn li bħala nfiq kapitali, il-Kunsill kien se jikkapitilizza l-proġett tat-Torri tal-Arloġġ u l-VC. Bħala spejjeż kapitali kien hemm ukoll il-proġett tal-pannelli solari għal fuq il-bejt, il-proġett ta' tisbiħ ta' Pjazza San Oswald u x-xogħol ta' dawl ġdid fuq wara ta' Ġnien is-Sinjura (bejn Triq Sir Philip Pullicino u Triq il-Konti Salv Manduca). L-accountant ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jibqa' miexi fuq il-linji tal-aħħar snin u jagħti widen lis-SE fir-rigward tal-infiq sabiex ikun jista' jibqa' jopera mingħajr ma jidħol fi problemi finanzjarji serji.

51.9.4 Il-Kunsill approva l-baġit għas-sena 2023 u u dan ġie ffirmat mis-Sindku u s-SE.

51.9.5 Is-SE fakkret lill-Kunsill li kemm-il darba tinħass il-ħtieġa li jkun hemm xi moviment ta' flejjes minn vot għall-ieħor matul is-sena għaliex tinqala' xi ħtieġa partikolari, is-SE kienet se tieħu ħsieb li tressaq ir-rakkomandazzjonijiet għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 51.10 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għal Kull Kwart (Sett – Diċ 2022)

51.10.1 L-Accountant tal-Kunsill tat ukoll spjega ħafifa ta' kif spiċċat is-sena finanzjarja tal-Kunsill fejn għalkemm kien hemm il-prevvediment li jkun hemm telf minimu, minflok il-Kunsill spiċċa s-sena f'mod favorevoli u b'11% bħala indikatur finanzjarju.

51.10.2 Il-Kunsill approva r-Rapport Finanzjarju għal kull kwart u dan ġie ffirmat mis-Sindku u s-SE.

## 51.11 Approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena 2022

51.11.1 L-Accountant tal-Kunsill kompliet bi spjega tal-Financial Statements għas-sena 2022.

51.11.2 Il-Kunsill approva l-Financial Statements hekk kif preżentati u dawn ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 51.12 Punti Oħra

51.12.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand l-Aġenzija Sapport fejn kienu infurmawha li kien se jibda x-xogħol fuq l-*enclosure* tal-lift fil-ġranet li ġejjin. Ix-xogħol kien mistenni jieħu 5 ġimgħat. Hawnhekk il-Kunsill sħiħ wera d-diżappunt tiegħu li għalkemm tpoġġiet notifika mal-grada minn fejn jidħlu l-impjegati tal-AS, l-AS ma kinitx ħasbet biex tibgħat notifika lill-Kunsill Lokali li kienet iddaħħlet applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-permess. Huma saħħqu li dan l-*enclosure* li se jinbena se jimpatta b'mod negattiv fuq il-komunità. Il-Kunsill fakkar ukoll li diġà kien hemm lift eżistenti u li kien jintuża kważi esklussivament mill-AS u flok inħoloq wieħed ġdid, seta' faċilment inbidel dak li hemm maħsub għall-binja. Fl-aħħar nett, il-Kunsill ma qabilx mat-tpoġġija tal-*hoarding* hekk kif suġġerit minn AS u insistew li għandu jkun hemm aċċess liberu għall-ħwienet kollha u għaldaqstant il-*hoarding* ma kellux isir min-naħa għall-oħra kif indikat. Kien hemm qbil ukoll li s-SE għandha titlobhom biex isiru tabelli bl-ismijiet tal-ħwienet biex wieħed ikun jaf li hemm aktar ħwienet wara l-*hoarding/enclosure*.

51.12.2 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand l-Imtarfa Drama Group fejn is-Sur Micallef kien qed jakkużaha b'ineffiċjenza minħabba li ma kinitx għaddietlu ċavetta biex jagħmel użu minn kamra fil-binja tal-Kunsill wara li hu kien tilef iċ-ċavetta tal-grada prinċipali tal-binja tal-Kunsill u dam ma sabha u ġabha lura xahrejn sħaħ, tant li kellha tinxtara serratura ġdida u jinqatgħu biżżejjed ċwievet għall-impjegati tal-Kunsill, tal-Aġenzija Sapport u għan-Nutar. Hija infurmat ukoll li kienet bagħtitlu kommunikazzjoni lura biex issir laqgħa miegħu fil-preżenza tas-Sindku u l-Kunsillier responsabbli mill-Kultura u dan kien irrisponda l-*email* ġurnata wara li suppost saret il-laqgħa.

51.12.3 Hawnhekk il-Kunsill qabel li b'mod immedjat għandha tintbagħat kommunikazzjoni lura lis-Sur Micallef min-naħa tas-Sindku b'risposta tal-allegazzjonijiet li għamel. Finalment il-Kunsill insista wkoll li kif diġà kien informa lis-Sur Micallef, għandha ssir il-laqgħa bejn il-membri tal-kumitat u l-Kunsill kif ukoll għandha tintalab id-data tal-laqgħa tal-kumitat li jmiss sabiex ikun hemm rappreżentanza mill-Kunsill preżenti.

51.12.4 Il-Kunsill kien irċieva proposta oħra mingħand il-Periti tal-Kunsill għal aktar tħaddir fir-rigward tal-proġett għal tisbiħ ta' bejn il-*barracks*. Is-SE għaddiet kopja tal-proposta (għal ġnien b'passaġġ minn fejn jgħaddu service vehicles min-nofs) biex jaraha kulħadd. Il-Kunsill approva l-proposta tal-ġnien bejn l-eks barracks fil-prinċipju iżda kien hemm qbil li l-bankijiet u tankijiet tal-iskart flok tal-injam kellhom ikunu ta' materjal li ma jkunx hemm bżonn manutenzjoni fuqu. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mas-CEO ta' Project Green sabiex dan il-proġett ikun jista' jiġi preżentat bħala wieħed mill-proġetti magħżula mill-Gvern Ċentrali.

51.12.5 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-kuntrattur tad-dawl tat-toroq kien infurmaha li l-prezzijiet tal-*floodlights* ġodda kienu għolew ħafna u talab lill-Kunsill jikkunsidra li jneħħihom. Għaldaqstant issuġġeriet li possibbilment il-Kunsill jipprova jdaħħal it-tibdil tas-sistema tal-elettriku mal-proġett tat-tisbiħ ta' bejn il-barracks, aktar u aktar fid-dawl li seta' jsir mill-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli u għaldaqstant setgħu jsiru b'metodu li huwa favur l-ambjent.

51.12.6 Is-SE infurmat li kien hemm korrispondenza min-naħa tal-Malta Grand Prix sabiex jibdew id-diskussjonijiet u tiddaħħal l-applikazzjoni formali għat-tellieqa. Infurmat li d-dati li qed jagħtu għall-attività kienu nhar is-7 u 8 ta' Ottubru 2023. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dawn id-dati.

51.12.7 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva ittra mingħand mart il-Priministru, is-Sinj. Lydia Abela biex tirringrazzja lill-Kunsill kollu tal-koperazzjoni waqt l-inizjattiva Rigal b'Imħabba.

51.12.8 Is-SE infurmat li kienet irċeviet ittra mingħand l-Arċikonfraternità dwar il-Festa ta' San Ġużepp. Il-Kunsill qabel li m'għandux oġġezzjoni sakemm ma tingħalaqx il-Bypass li tagħti mill-Imtarfa/Nigret 'l isfel lejn il-Mosta.

51.12.9 Is-SE infurmat li kellha talba għal tabella ta' żona pedonali ħdejn il-latrini minħabba li qed ikun hemm vetturi pparkjati fuq il-madum bla permess u li qed jikkawżaw aktar ħsara fuq il-pavimentar. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

51.12.10 Is-SE infurmat li fi Ġnien is-Sinjura kien hemm problema bl-apparat tal-gym li kien twaħħal għaliex tnejn minnhom qed jiċċaqalqu u min-naħa tal-periti kienu talbu li jsiru aktar cores f'dik il-parti wkoll. Fuq parir tas-Sindku kien hemm qbil mill-Kunsill li dawn għandhom jinqalgħu mill-ħaddiema tal-Kunsill u jerġgħu jitwaħħlu lura bil-*chemical anchor*.

51.12.11 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar xogħlijiet li se jsiru fil-parkeġġ ta' Binja Santa Luċija.

51.12.12 Is-SE infurmat lill-Kunsilliera li bħala amministrazzjoni bdiet il-preparazzjoni għall-audit li ġeneralment isir fl-ewwel tlett xhur tas-sena.

51.12.13 Hawnhekk il-Kunsillier Dr Attard irrakkomanda lis-SE sabiex tibda l-proċess għall-impjieg ta' skrivan/a minn issa.

## 51.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

51.13.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 01/2023), kopja tagħha mehmuża.

51.13.2 Il-Kunsillier Mifsud proponiet l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Sammut Dimech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 51.14 Tmiem tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss

51.14.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 23 ta' Frar 2023 fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 23 ta' Frar 2023.

| | |
|---|---|
| Kyle Mifsud<br>Sindku | Josette Micallef<br>Segretarju Eżekuttiv |